MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 112/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**VS**

**VINCENT CARUANA.**

**Illum 12 ta' Novembru 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Vincent Caruana ta' 59 sena, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 145350 (M), bin Joseph u Mary nee' Grech, imwieled fit-23 ta' Jannar 1950 f'Qormi, u residenti Marjos, Triq il-Furnar, Qormi;

Talli b’xi mezz eccita, ghin jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ persuni ta’ taht l-eta’ tas-sess il wiehed jew l-iehor u cioe’ ta’ ommissis t’ghaxar snin, ommissis t’ghaxar snin u ommissis ta’ hdax-il sena.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 18, 203 (1), 203 (A), 209, 382 A, 383, 384, 385, 386, 412 C, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat Vincent Caruana hati tal-akkuzi dedotti kontrieh, u dan peress illi l-imputat kien fi stat ta’ genn waqt l-incident mertu tal-kaz in esami, *ai termini* tal-Artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Tiddikkjara ghalhekk li l-imputat kien fi stat ta’ genn waqt li kien fis-sehh id-delitt in esami.

Wara li rat l-Artikoli 525(3) u 623 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tordna li l-imputat jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmeli, biex hemmhekk jibqa’ taht kustodja u kura u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta’ Malta jew kull disposizzjoni ohra ta’ Ligi jew leglislazzjoni applikabbli ghall-kaz, u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-imputat skond dan, b’dan illi t-tabib kuranti tieghu jkollu l-fakolta’ jindirizza din il-kura u jaghti kull ordni u struzzjoni ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------